**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1579/01 AJD**

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratrici ossia syndicate ta' Lloyds li jgib in-numru 314 u joperaw taht l-isem C.F. Palmers & Others u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti kif dawn id-ditti jinsabu surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Gordon Loughborough u l-istess Gordon Loughborough**

**vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi id-danni li sofrew fil-vettura Escort numru AAE 304 propjeta' ta' l-attur Gordon Loughborough

meta l-konvenut li kien qed isuq vettura Opel Corsa bin-numru BBE 993 qabad u hareg mill-post fejn kien ipparkjat go Triq il-Gardiel, Zabbar, fil-5 ta' Frar, 2000, minghajr ma ha l-prekawzjonijiet li jitolbu r-regolamenti tat-tarffiku u habat mal-karozza ta' l-attur. Dawn id-danni jikkonsistu fi tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm389.31) 'parts', tlett mija u erbgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm304.75) 'labour', seba' liri Maltin (Lm7.00) 'survey fees' u tlett liri Maltin (Lm3.00) 'Police Report'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Marzu, 2000, u ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 2000, u bl-imghaxijiet mis-26 ta' Gunju, 2000, meta giet notifika l-ittra ufficjali, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:
1. It-talba ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-ammont ta' seba' mija u tmien liri Maltin (Lm708.00) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Gordon Loughborough, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur Gordon Loughborough, PS 1262 Spiridione Zammit, u tal-konvenut Mario Borg.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' April, 2002, fejn il-konvenut iddikjara li huwa kien qed jikkontesta biss ir-responsabilita' ghall-incident u mhux il-quantum tad-danni.

Ikkunsidra:
1. Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Frar, 2000, fi Triq il-Gardell, Marsascala, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAE 304 misjuqa mill-attur Gordon Loughborough u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBE 993 misjuqa mill-konvenut Mario Borg.

2. Illi l-attur Loughborough xehed li kien qed isuq il-vettura tieghi fit-triq imsemmija li hija 'one way' u kien hiereg minn Marsascala. Malli ghadda c-cinema li hemm f'din it-triq, harget il-vettura tal-konvenut li kienet parkeggjata fuq in-naha tax-xellug tieghu quddiem zewg vetturi ohra harget mill-parkegg, huwa ghafas il-'brake' u prova jevita din il-vettura izda inutilment. Huwa laqat il-vettura tal-konvenut fuq il-kantuniera ta' wara tan-naha tas-sewwieq.

3. Illi l-konvenut xehed li huwa kellu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBE 993 parkeggjata ftit il-quddiem mill-bieb principali tac-cinema li hemm

fi Triq il-Gardell, Marsascala. Huwa ried johrog mill-parkegg u ghalhekk ivverifika mill-mera tan-nofs u mill-mirja tal-gnub li ma kienux gejjin vetturi, hareg u saq madwar tlett tulijiet ta' awla. Meta wasal biswit il-'bakery' li hemm fil-lokalita', ra l-vettura tal-attur gejja minn warajh b'velocita' eccessiva u qala' daqqa fuq wara max-xellug tal-vettura tieghu. Qabel ma qala' d-daqqa sema' hoss ta' brejkijiet. Il-konvenut xehed li huwa kien parkeggjat wara zewg vetturi li hemm indikati fl-iskizz u mmarka l-post tal-impatt b'salib.

4. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni moghtija mill-konvenut ta kif sehh l-incident m'hijiex kredibbli u l-anqas ma hija konfortata mill-fatti. Il-'brake marks' tal-attur li huma ta' 18.3 metru jindikaw li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 48 kilometru fis-siegha u kellu 'thinking distance' ta' 9 metri. Din hija velocita' normali ghall-lokalita' in kwistjoni. Inoltre, il-'brake marks' jibdew minn nofs il-quddiem tal-vettura parkeggjata li jindika li l-attur ghafas il-'brake' malli ra l-vettura tal-konvenut hierga mill-ispazju li hemm quddiem din il-vettura. Il-konvenut xehed li huwa lahaq mexa tul ta' tlett awli qabel ma sehh l-impatt izda d-distanza li hemm indikata bejn l-'ispot of impact' li indika hu stess u l-post fejn allega li kien parkeggjat hija ferm inqas minn tul ta' tlett awli. Inoltre, il-hsarat fiz-zewg vetturi huma ghal kollox inkompatibbli mal-'ispot of impact' indikat mill-konvenut.

5. Illi l-hsara fiz-zewg vetturi, il-posizzjoni tal-vettura tal-attur u l-'brake marks' wara l-vettura tal-attur kollha jindikaw li l-konvenut qabad u hareg mil-'parking space' li jidher quddiem iz-zewg vetturi parkeggjati, li l-attur ghafas il-'brake' u prova jigbed lejn il-lemin (kif indikat fl-iskizz) sabiex jevita l-vettura tal-konvenut, izda laqat il-vettura tal-konvenut bil-ponta ta' quddiem tan-naha tax-xellug fuq il-ponta ta' wara tan-naha tal-lemin.

6. Illi jidher ghalhekk li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni stante li naqas milli jzomm 'a proper lookout' qabel ma hareg mil-parkegg.

7. Illi l-quantum tad-danni pretizi mill-attur ma giex kontestat mill-konvenut (ara verbal tas-seduta tad-29 ta' April, 2002) u inoltre l-atturi esibew l-ircevuti relattivi (a fol. 19 et seq tal-process).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u erba' liri Maltin u sitt centezmi (Lm704.06), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 2000, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**